# IL-FIAT TA' MARIJA

Kien kbir għaġeb, meta għal FIAT
T'Alla, saru s-sema w l-art,
Baħar, ħut, bhejjem u siġar,
Deh'r id-dawl, newweb il-ward!

Meta kollox kien ġo xejnu,
U fid-dlam, f'ċapep taċ-ċpar,
Dehret tiddi x-xemx fid-dinja
Tfeġġ minn xefaq aħmar nar!

* * *

Iżda kien għaġeb wisq akbar,
Meta Dik, li fil-qdusija
Ħadd mhu bħalha! x-xebba rżina...
Safja bħas-susan... MARIJA!...

Meta Din ukoll f'ċokonha,
Daħak, tbissem tagħha l-fomm,
Qalet "FIAT"! u fi ħdanha
Tnissel Alla! Saret Omm!

Saret Omm u baqgħet safja,
Għax maħżuż kien sa mid-dwiem,
Li dix-Xebba kellha tnissel
Lil min sawwar il-ħolqien!

R. M. B.

25/3/41.

## Kotba li waslulna

ALB. M. CASSOLA—*Il-Berritta Bajda ta' Bil-lejl*: —Qabel ma ngabret f'daqsxejn ta' ktejjeb, din il-kummidja ħelwa kienet mitbugħa f'Leħen il-Malti. Il-kittieb juri li għandu xejra sabiħa għal din ix-xorta ta' kitba. Għax, il-kummidja maħduma tajjeb ħafna, is-suġġett maħsub u magħżul, u s-'*sense of humour*' li tiltaqa' miegħu l-ħin kollu, hu mill-aħjar. Ta' min iħajjar lill-kittieb jissokta f'kitba bħal din li, fil-Malti, neħtiġuha ħafna.

"*Fil-Lsien Malti l-ġieħ tan-Nazzjon Maltija*"

IT-TIELET KTIEB
TAS-SBATAX-IL SENA

SETTEMBRU
1941

# IL-MALTI

QARI
LI TOĦROĠ
Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"
KULL TLIET XHUR

X'FIH DAN IL-GĦADD

| | |
|---|---|
| X'nixtiequ | Editorjal |
| *Il-Gwerra* | Ġ. Chetcuti |
| *Paċi u Gwerra* | Dun Karm |
| B'Tifkira tas-Sur Fons M. Galea | Prof. Dun P.P. Saydon |
| Ħobżna ta' Kulljum | Ġ. Galea, M.D., D.PH. |
| *E. Boats* | Dun Karm |
| Il-Għarqa | P. Pawl Tabone O.F.M. |
| *Il-Għolja* | Ġ. Pisani |
| Edukazzjoni Nisranija | Z. A. |
| "*Air Raids*" *bil-lejl* | J. Delia S.J. |
| Missirijietna u Aħna | Brother Amedy |
| *Ilħna ta' Qniepen* | Ġ. Chetcuti |
| *Għanjiet in-nies b'ġieħ lil San Duminku* | Mag. |
| *Musbieħ il Lejl* | Ġ. Chetcuti |